PDF Compressor Pro






*Mix-xellug: Antoinette Doneo, Jessica Vella, ir-rebbieħa xxurtjata tat-TV u d-DVD tad-ditta Philips u Maria Grima, ir-Retail Area Manager (Għawdex) matul il-preżentazzjoni li saret fil-ħanut ġdid irrinovat ta' GO fir-Rabat, Għawdex.*

# GO tħabbar ir-Rebbieħa

Tħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni organizzata minn GO.

Jessica Vella mir-Rabat, Għawdex rebħet l-ewwel premju, televixin flat screen 42" u DVD waqt li ħames klijenti oħra rebħu sett talmowbajl.

Il-kompetizzjoni kienet il-punt fokali ta' attivitajiet li ġew organizzati fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-ħanut ġdid irrinovat ta' GO li jinstab fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex fejn klijenti jistgħu jiksbu s-servizzi kollha li għandhom bżonn għallmowbajl, telefonija fissa, internet u televixin, l-erba' servizzi kollha taħt saqaf wieħed.

Ir-rebbieħa tal-ewwel premju **Jessica Vella** kienet ferm kuntenta bit-televixin ġdid tagħha Philips 42" *flat screen* komplut bi *3 HDMI connections*, 768p, *50Hz display* u stampa diġitali ċara. Hija rebħet ukoll *DVD player* Philips b'ħafna benefiċċji bħal *Hi-Speed USB 2.0 link* u stampa tal-ogħla kwalità.

"Il-kompetizzjoni tkompli ssaħħaħ il-ġibda qawwija ta' GO li tkompli żżomm livell għoli ta' esperjenza tal-klijent waqt li tkompli toffri lill-klijenti tagħha l-aktar servizz effiċjenti fis-suq bi prezzijiet millaktar vantaġġjużi li huma addattati għall-but ta' kulħadd. Aħna kburin bil-klijenti leali tagħna li ilhom magħna ħafna żmien u li jkomplu jiddependu fuq is-servizzi tagħna." qalet Maria Grima ir-*Retail Area Manager* għal Għawdex ta' GO.

B'riżultat ta' apgrejd importanti fis-sistema tat-trażmissjoni tattelevixin diġitali terrestri (DTTV) li tinstab fit-torri tat-telekomunikazzjoni multi-funzjonali fin-Nadur, Għawdex, GO issa estendiet isservizz tat-televixin diġitali għal prattikament il-partijiet kollha ta' Għawdex.



*Il-Western Dancers iferrħu lil dawk preżent*

# Festival tal-Inbid

Il-Fondazzjoni Folkloristika Ta' Klula fil-kommunità ta' Santa Luċija għal sena oħra, nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, organizzat il-festival tal-inbid "Bis-Saħħa". Numru kbir t'Għawdxin, Maltin u barranin matul il-lejl tas-Sibt fil-pjazza prinċipali ta' Santa Lucija, iddevertew waqt id-diversi attivitajiet li ttellgħu minn gruppi folkloristiċi, fosthom mill-grupp Sinnet u dak Ryan and the Country u l-Western Dancers.

L-artist Għawdxi Awstraljan Paul Stellini wera l-ħila tiegħu b'diversi tpinġijiet fuq it-tila li ġibdu l-ammirazzjoni ta' ħafna. Stands ta' ikel tradizzjonali u xorb, u ovvjament l-inbid kienu l-elementi prinċipali ta' din l-attività annwali li kisret is-skiet ta' dan ir-raħal ċkejken.

Bla dubju l-akbar sodisfazzjon hu tal-membri tal-Fundazzjoni Folkloristika ta' Klula li qed jaħdmu u jistinkaw biex jaraw li t-tradizzjonijiet ta' missirijiethom jingħataw il-ħajja permezz ta' dawn l-attivitajiet.



*Jidhru mix-xellug, Anne Marie Bajada (Xagħra), Loraine Borg (Xagħra), Shawn Borg (Sydney), Mattia Zammit (Xagħra), Karol Spiteri (Xewkija), Joseph Saliba, (Victoria)*



*Il-Grupp Folkloristiku Sinnet*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Terryanne Saliba miż-Żebbuġ*

# Lejla Sajfija

Id-direzzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Għarb, nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, filgħaxija, organizzat il-XXI edizzjoni tal-Lejla Sajfija, fil-Pjazza prinċipali tar-raħal, b'serata t'ikel u inbejjed, kant u divertiment ieħor. Fost il-kantanti li ħadu sehem kien hemm Abigail Debrincat u Britany Ann Vella, mir-Rabat, Terryanne Saliba, miż-Żebbuġ u Audrey M. Bartolo, min-Nadur . Waqt li l-mistiedna speċjali ta' din il-lejla kienu Joe u Veronica id-Dulli, li telgħu apposta minn Malta għal din l-okkażjoni.

Ippreżentaw is-serata Monica Zerafa u Joline Cefai.



*Britany Ann Vella mir-Rabat, Għawdex, li kantat 'If you can Dream'*



*Veronica u Joe d-Dulli*



*L-Artist Għawdxi Awstraljan Paul Stellini jpinġi l-faċċata tal-Knisja ta' Santa Luċija*